MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2009

Numru. 26/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Norbert Ciappara**
**vs**
**Kevin Borg**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Kevin Borg ta' 27 sena iben John u Carmen nee' Pace mwieled Pieta fis-6 ta' Lulju 1979 u residenti Block A Section 1 Flat 8 Housing Estate Ghaxaq, ID 330679M.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' April 2006 u matul l-ahhar gimghat ta' qabel dini d-data specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-**

**Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal din l-imputazzjonit u ghal daqstant din l-imputazzjoni giet ppruvata skond il-ligi.**

**Il-Qorti, wara li rat it-Taqsima 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrieh izda flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien 15-il xahar millum.**

**Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat bi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------